

Brussell, 20 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

13230/15

MAR 124

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2015
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal- Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 508 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL- KUNSILL REFIT Aġġustament tar-Rotta: Verifika tal-Idoneità tal- Leġislazzjoni dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri fl-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 508 final.

Mehmuż: COM(2015) 508 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2015
COM(2015) 508 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

REFIT

**Aġġustament tar-Rotta: Verifika tal-Idoneità tal-Leġislazzjoni dwar is-Sikurezza tal-
Vapuri tal-Passiġġieri fl-UE**

{SWD(2015) 197 final}

1. Introduzzjoni

1.1. Għaliex issir verifika tal-idoneità dwar il-leġiżlazzjoni dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri?

Minħabba li 23 minn 28 Stat Membru huma pajjiżi kostali, b'erbgħa minnhom stati gżejjer, il-vapuri tal-passiġġieri għandhom rwol importanti fil-mobilità taċ-ċittadini tal-UE. Bħala medja, huwa stmat li aktar minn 400 miljun persuna jgħaddu mill-portijiet tal-UE kull sena. 120 miljun passiġġier jiġu trasportati minn vapuri tal-passiġġieri domestiċi, jiġifieri vapuri li jbaħħru bejn il-portijiet tal-istess Stat Membru.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri ġiet stabbilita fuq perjodu ta' 15-il sena l-aktar bħala reazzjoni għall-inċidenti. Dan irriżulta f'sett ta' Direttivi xprunati u fformati miċ-ċirkostanzi li fihom ġew abbozzati. Għalkemm dawn jaqdu l-istess skop ġenerali, jiġifieri li jiżguraw livell komuni u għoli ta' sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri, ma jgħolqux qafas koerenti għal kollox. Kull Direttiva għandha kamp ta' applikazzjoni differenti u tapplika għal tipi differenti ta' vapuri u vjaġġi. Aktar importanti, id-deċennju li għadda ġab miegħu żvilupp teknoloġiku li għamel uħud mid-dispożizzjonijiet eżistenti skaduti u ta' piż żejjed.

L-evalwazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preċedenti naqsu milli jiġbru biżżejjed provi biex jitfgħu dawl fuq l-implimentazzjoni u żvelaw disponibbiltà dgħajfa tad-dejta speċjalment f'termini ta' rekords nazzjonali tal-flotot u tas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA - European Maritime Safety Agency), amministrazzjonijiet nazzjonali u kuntrattur estern, wettqet għalhekk verifika tal-idoneità aktar sistematika u komprensiva tal-qafas leġiżlattiv fis-seħħ. Filwaqt li maż-żmien kien hemm aktar dejta li saret disponibbli, din il-verifika tal-idoneità kienet ukoll okkażjoni biex tinġabar informazzjoni ulterjuri u biex isiru konsultazzjonijiet oħrajn, biex issir analiżi tad-dokumenti kif ukoll biex isiru studji tal-każijiet.

Għall-ewwel darba, inġabret dejta kwantitattiva estensiva b'mod affidabbli u proporzjonat. Għalkemm id-dejta disponibbli ma ppermettix li titwettaq analiżi sħiħa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji fuq kull rekwiżit regolatorju uniku, din hija meqjusa li tipprovdi input informattiv għall-analiżi tal-verifika tal-idoneità; u bażi suffiċjenti għall-proċessi ta' reviżjoni u monitoraġġ sussegwenti li l-Kummissjoni qed tipproponi li twettaq.

1.2. Kamp ta' applikazzjoni tal-verifika tal-idoneità

Is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri fl-UE hija rregolata fuq tliet livelli: internazzjonali, tal-UE u nazzjonali. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri kienet stabbilita sabiex tindirizza r-riskji potenzjali għas-sikurezza kkawżati mill-fatt li l-istandards internazzjonali ma japplikawx għal vjaġġi domestiċi jew li dawn mhumix biżżejjed. Din tindirizza d-diffikultajiet fit-tfittxija u s-salvataġġ tal-passiġġieri tal-vapuri f'diffikultà, għandha l-għan li tikseb livell komuni ta' sikurezza u li tiżgura li l-istandards tas-sikurezza jiġu applikati b'mod korrett.

Għal vapuri impenjati fi vjaġġi internazzjonali (jiġifieri anke bejn żewġ Stati Membri u għalhekk soġġetti għall-kontroll mill-Istat tal-port¹), japplikaw il-konvenzjonijiet internazzjonali u ċerti regoli tal-UE. Għall-vapuri impenjati fi vjaġġi domestiċi (jiġifieri bejn il-portijiet tal-istess Stat Membru), japplikaw ir-regoli tal-UE u dawk nazzjonali.

L-istrument leġislattiv tal-UE l-aktar estensiv huwa d-Direttiva 2009/45/KE², li tkopri l-vapuri tal-passiġġieri magħmulin mill-azzar jew minn materjal ekwivalenti u inġenji ta' veloċità kbira. Fejn applikabbli u fattibbli, din hija bbażata fuq standards miftiehma fuq livell internazzjonali, jiġifieri l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS)³. Barra minn hekk, id-Direttivi 2003/25/KE, 1999/35/KE u 98/41/KE jistipulaw regoli speċifiċi tal-UE li japplikaw għal vapuri tal-passiġġieri ro-ro (magħrufin bħala vapuri ro-pax)⁴, inġenji b'veloċità kbira (HSC)⁵ u r-reġistrazzjoni tal-persuni abbord.

Din hija arkitettura kumplessa li teħtieġ l-użu ta' għodda ta' regolamentazzjoni mtejba, moderna u komprensiva bħal verifiki tal-idoneità. It-tabella li ġejja ttipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-erba' Direttivi tal-UE li ntgħażlu għal din il-verifika tal-idoneità u li jirrappreżentaw sett ta' standards u rekwiżiti tas-sikurezza prinċipali għall-vapuri tal-passiġġieri li jbaħħru fl-ilmijiet tal-UE:

Tabella 1: Il-qafas legali tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri: Direttivi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika tal-idoneità

	Kontenut	Kamp ta' applikazzjoni		
		Vjaġġ	Vapuri	Applikazzjoni
Id-Direttiva 2009/45/KE	Standards tas-sikurezza Stħarriġ (ġenerali)	Domestiċi	(a) Vapuri tal-passiġġieri magħmulin mill-azzar u materjal ekwivalenti ⁶ ; (b) HSC	Il-vapuri kollha irrispettivament mid-daqs (flessibbiltà għal vapuri b'tul inqas minn 24 m) Klassijiet (A, B, C, D) ⁷

¹ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57-100)

² Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1)

³ Din il-Konvenzjoni ġiet adottata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u rratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE

⁴ Il-bastimenti ro-ro huma ddisinjati biex iġorru merkanzija bir-roti, bħal trakkijiet, trejlers u karożżi li jinstantu għal fuq u minn fuq il-vapur fuq ir-roti tagħhom stess jew bl-użu ta' vettura bi pjattaforma. Jekk dawn iġorru iżjed minn 12-il passiġġier minbarra l-vetturi jissejħu bastimenti ro-pax.

⁵ Kif iddefinit f'SOLAS Kapitolu X Reg. 1.3

⁶ Għal raġunijiet ta' sempliċità, minn hawn 'il quddiem dawn sejin jissejħu "vapuri tal-azzar"

⁷ Il-vapuri tal-passiġġieri huma kklassifikati f'erba' klassijiet differenti skont iż-żoni tal-baħar fejn jistgħu joperaw, skont il-parametri bħad-distanza sal-kosta. Filwaqt li l-vapuri tal-Klassi A ma għandhom ebda

Id-Direttiva 2003/25/KE⁸	Standards tas-sikurezza <i>(speċifiċi: (rekwiżiti ta' stabbiltà għal ro-pax)</i>	Domestiċi u internazzjonali	Vapuri tal-passiġġieri ro-ro	Internazzjonali: Servizz regolari Domestiċi: Klassi A, B u C
Id-Direttiva 1999/35/KE⁹	Stħarriġ <i>(speċifiċi: ro-pax u HSC b'servizz regolari)</i>	Domestiċi u internazzjonali	(a) Vapuri tal-passiġġieri ro-ro; (b) HSC	Servizzi regolari biss Domestiċi: Klassi A
Id-Direttiva 98/41/KE¹⁰	Standards tas-sikurezza Stħarriġ <i>(speċifiċi: reġistrazzjoni tal-persuni abbord)</i>	Domestiċi u internazzjonali	Il-vapuri tal-passiġġieri kollha	Tul tal-vjaġġ (inqas minn 20 mil nawtiku l-għadd tal-persuni abbord biss)

Sors: Kummissjoni, 2015

1.3. X'jgħidu l-partijiet ikkonċernati?

Il-partijiet ikkonċernati jaqblu li l-qafas leġislativ dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri huwa importanti għat-titjib tas-sikurezza filwaqt li jiffaċilita kundizzjonijiet ekwi. Fil-konsultazzjoni pubblika l-aktar reċenti dwar l-istrateġija dwar is-sigurtà marittima, 59 % tal-partijiet ikkonċernati qablu li l-qafas leġislativ internazzjonali u tal-UE eżistenti dwar is-sikurezza tal-vapuri huwa adegwat (b'26 % li ma esprimew l-ebda opinjoni).

Madankollu, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw sett ta' problemi relatati mal-implimentazzjoni varjata tal-qafas legali dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri, u indikaw il-kumplessità u n-nuqqas ta' ċarezza f'numru ta' definizzjonijiet u rekwiżiti, xogħol doppju u rekwiżiti ta' rapportar skaduti.

⁸ limitazzjoni fir-rigward tad-distanza sal-kosta li joperaw fiha, għal vapuri tal-Klassi D id-distanza hija limitata għal 3 mili nawtiċi (madwar 5,6 km)

⁹ Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro (ĠU L 123, 17.05.2003, p. 22)

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE dwar sistema ta' stħarriġ obligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 1)

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35)

Il-partijiet ikkonċernati esprimew dubji wkoll dwar il-proporzjonalità u l-adegwatezza tar-rekwiżiti tas-sikurezza għal vapuri żgħar tal-azzar u l-konsegwenzi mhux intenzjonati li jikkonċernaw il-vapuri barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali attwali. Dan wassal għal talba biex jitjieb il-qafas regolatorju attwali permezz tas-simplifikazzjoni tar-regoli, li jiffaċilita l-amministrazzjoni u l-infurzar u jelimina l-ispejjeż mhux meħtieġa.

2. Mistoqsijiet ta' evalwazzjoni prinċipali

2.1. Il-qafas legali tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri huwa adattat għall-iskop?

Il-qafas legali tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri huwa fil-maġġor parti tiegħu adattat għall-iskop. Dan irriżulta f'titjib tas-salvagwardja tal-ħajja fuq il-vapuri tal-passiġġieri li jbaħħru fl-ilmijiet tal-UE u kkontribwixxa għall-iżvilupp tas-suq intern fit-trasport marittimu. Madankollu hemm skop għal titjib ulterjuri tal-livell ta' sikurezza kif ukoll tal-effiċjenza u l-proporzjonalità ta' wħud mir-rekwiżiti regolatorji.

Il-vapuri tal-passiġġieri domestiċi kkontrollati mill-istandards tas-sikurezza tal-UE¹¹ jammontaw għal madwar 30 % f'termini ta' numru ta' bastimenti impenjati fit-traffiku domestik u fl-ilmijiet tal-UE, iżda iktar minn 60 % tal-kapaċità totali tal-passiġġieri. Il-maġġoranza tal-passiġġieri għalhekk jivjaġġaw fuq vapuri li jikkonformaw ma' standards komuni tas-sikurezza li jiżguraw livell ta' sikurezza komuni. Terz tal-passiġġieri jivjaġġaw fuq vapuri ċċertifikati skont standards nazzjonali, fil-maġġor parti tagħhom, dawn huma vapuri iżgħar, magħmulin apposta għall-ħtiġijiet tas-sid, minn materjali komposti jew tal-injam (madwar 12% u 18% rispettivament).

Mill-408 inċidenti rreġistrati bħala li jinvolvu vapuri tal-passiġġieri domestiċi matul dawn l-aħħar 4 snin, wieħed biss irriżulta f'mewt ta' passiġġier¹². Ir-riskju korrispondenti għal kull siegħa u għal kull passiġġier huwa aktar baxx minn dak għal vapuri tal-passiġġieri internazzjonali. Għalkemm il-konsegwenzi tal-inċidenti tal-flotta domestika tal-UE kienu inqas serji minn dawk għal vapuri tal-passiġġieri internazzjonali, il-frekwenza tal-inċidenti kienet ogħla. Din mhijiex sorpriża minħabba li fiż-żoni kostali, it-traffiku huwa iżjed intensiv u hemm iżjed ilmijiet baxxi fejn jista' jseħħ inkaljar.

Il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri ffaċilitat ukoll il-moviment liberu tal-vapuri bejn l-Istati Membri tal-UE. L-evidenza turi li mill-1998, il-bdil ta' bandiera żdied b'400 %¹³. Filwaqt li huwa rikonoxxut li kien hemm raġunijiet oħrajn għal din iż-żieda

¹¹ Jiġifieri skont id-Direttiva 2009/45/KE

¹² Ta' min jinnota li din l-istatistika ma tinkludix każijiet ta' profil għoli (pereżempju) bħad-diżgrazzji tal-Costa Concordia (2012) jew tan-Norman Atlantic (2014) għaliex dawn huma relatati mal-vapuri impenjati fi vjaġġi internazzjonali (u għalhekk ma jaqgħux taħt ir-rekwiżiti tas-sikurezza armonizzati mid-Direttiva 2009/45/KE li japplikaw għall-vjaġġi domestiċi biss).

¹³ Jiġifieri, id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 98/18/KE, predeċessur tad-Direttiva 2009/45/KE

(bħaż-żieda fid-domanda għal u d-disponibbiltà ta' bastimenti fis-suq tal-bastimenti użati), il-leġislazzjoni tal-UE ċertament li kkontribwiet għal din it-tendenza.

Għalkemm ċerti amministrazzjonijiet nazzjonali kienu alludew għall-fatt li l-leġislazzjoni tal-UE setgħet wasslet għal żieda fil-bini ta' bastimenti mhux tal-azzar immexxija minn standards tas-sikurezza nazzjonali inqas stretti, ma hemm l-ebda evidenza li turi li dan seta' kien il-każ¹⁴. Għall-kuntrarju, partijiet ikkonċernati oħrajn issuġġerew il-kuntrarju u talbu għall-iżvilupp ta' standards tas-sikurezza tal-UE armonizzati għall-vapuri li fil-preżent jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE (jiġifieri vapuri mibnija minn materjali mhux tal-azzar jew ekwivalenti għall-azzar bħal materjal kompost).

2.2. Liema huma l-fatturi li jiffavorixxu jew li jostakolaw l-effettività tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri?

Billi l-istandards tas-sikurezza tal-vapuri huma soġġetti għal titjib kontinwu, l-effettività tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri hija xprunata minn aġġornamenti regolari minħabba l-esperjenza miksuba u l-progress xjentifiku. Rieżami regolari jiżgura wkoll li l-istandards tas-sikurezza jkunu applikati b'mod komuni u li jibqgħu proporzjonati għal-livell ta' riskju.

L-effettività tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri kienet ostakolata mill-kumplessità u mill-ambigwità tal-applikazzjoni tagħha (jiġifieri fir-rigward tal-vapuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha); obbligi ta' rapportar skaduti (li ma jużawx is-sistemi attwali ta' monitoraġġ u informazzjoni diġitali); preżentazzjoni mhux ċara tal-istandards tas-sikurezza tekniċi; u r-ritmu bil-mod u d-diffikultà tal-proċeduri ta' aġġornament u ta' eżenzjoni. Dawn id-dgħufijiet wasslu biex il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tas-sikurezza jkunu ta' livell inferjuri u diffiċli bla bżonn.

Barra minn hekk, l-għarfien tal-passiġġieri dwar il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri u l-benefiċċji tagħha jibqa' inqas minn dak mistenni. Dan jista' jkun relatat mal-livell relattivament baxx tal-organizzazzjoni tal-passiġġieri fit-trasport marittimu.

2.3. Ir-riskji kienu mmaniġġjati b'mod effiċjenti u proporzjonat?

Kif muri mill-istatistika tal-inċidenti, il-leġislazzjoni eżistenti kisbet livell għoli ta' sikurezza tal-passiġġieri. L-ispiża regolatorja relatata mal-istandards tas-sikurezza tal-UE ma rriżultatx sostanzjali meta mqabbla mal-istandards nazzjonali li kieku kienu jkunu meħtieġa. L-istima tad-differenzi fl-ispejjeż regolatorji tirrapreżenta sempliċement frazzjoni żgħira meta mqabbla mal-ispejjeż totali tal-kostruzzjoni, l-operat u l-manutenzjoni.

¹⁴ Jiġifieri l-għażla tal-bini ta' vapur bl-azzar jew b'materjal ieħor hija xprunata primarjament mill-prezz u mill-karatteristiċi tal-materjal magħżul

Pereżempju, it-total tal-ispejjeż addizzjonali għall-parti kwantifikabbli tal-miżuri ta' kontra n-nirien, l-apparat ta' salvataġġ tal-ħajja u l-istħarriġ inizjali jistgħu jkunu baxxi daqs EUR 100 000 għal vapuri ta' daqs ikbar, filwaqt li l-ispejjeż tal-kostruzzjoni huma mkejla f'għexieren jekk mhux f'mijiet ta' eluf. F'termini relattivi l-istess japplika għal vapuri iżgħar.

Id-differenza fl-ispejjeż tal-aġġornament tal-istandards tas-sikurezza fil-livell nazzjonali meta mqabbel mal-livell tal-UE hija sinifikanti wkoll. Aġġornament tal-leġislazzjoni nazzjonali, jekk imwettaq b'mod individwali minn kull Stat Membru kkonċernat, jinvolti stima ta' valutazzjoni kumulattiva għall-amministrazzjonijiet nazzjonali ta' bejn EUR 150 000 u EUR 200 000. Din hija madwar għaxar darbiet oġġla mill-preżent, meta l-istandards jiġu aġġornati fil-livell tal-UE.

Mill-banda l-oħra, ix-xogħol doppju u l-inkonsistenzi bejn is-sistemi differenti ta' spezzjoni applikabbli għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro fl-UE (jiġifieri l-ispezzjonijiet ro-pax, l-istħarriġ mill-Istat tal-bandiera u l-kontrolli tal-Istat tal-port) iżommu lill-amministrazzjonijiet nazzjonali milli jottimizzaw bis-sħiħ l-isforzi ta' spezzjoni tagħhom. Dawn jipprevjenu wkoll il-massimizzazzjoni tal-ħin li matulu l-vapur jintuża kummerċjalment. Kieku t-tipi differenti ta' spezzjonijiet jiġu kkombinati sa fejn dan huwa possibbli, 770 spezzjoni ta' ro-pax separata jistgħu jiġu ffrankati kull sena għall-UE kollha (jekk l-istess rotot/vapuri jibqgħu fis-servizz bħal-lum).

L-approvazzjoni tas-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-passiġġieri, li jiġġeneraw volum tax-xogħol sinifikanti għal ċerti amministrazzjonijiet nazzjonali (eż 4250 siegħa xogħol fil-Greċja meta mqabbla ma' 100 siegħa xogħol fl-Italja), irriżultat ta' piż kbir. Volum tax-xogħol bħal dan u l-ispejjeż korrispondenti tqiesu bħala eċċessivi.

Fl-aħħar nett, il-komplessità tas-sistema u r-rekwiżiti ripetuti mifruxin f'biċċiet differenti ta' leġislazzjoni jikkostitwixxu fattur irritanti u ta' spiża importanti għall-atturi kollha.

2.4. Ġie osservat il-prinċipju ta' sussidjarjetà, jiġifieri l-oġettivi jistgħu jinkisbu aħjar mill-Istati Membri jekk jaġixxu waħedhom?

B'mod ġenerali, il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri tikkonforma mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Madankollu nġhatat prova li l-istandards tas-sikurezza eżistenti għal vapuri tal-azzar żgħar b'tul inqas minn 24 m iridu jiġu vvalutati ulterjorment kontra l-oġettivi tas-sikurezza u tas-suq intern identifikati. Billi l-vapuri żgħar jinnbnew l-aktar minn materjali oħra minbarra l-azzar, il-maġġoranza l-kbira ta' din il-flotta bħalissa mhijiex koperta mill-istandards tas-sikurezza armonizzati tal-UE (96 %). Dan jimplika li l-maġġoranza tal-bastimenti b'tul inqas minn 24 m diġà huma ċċertifikati skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

L-inċidenti rreġistrati għall-vapuri żgħar li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards tal-UE ma juru ebda tħassib speċifiku dwar is-sikurezza (5 imwiet f'dawn l-aħħar 4 snin, kollha inċidenti okkupazzjonali). Barra minn hekk, anke għal dawg il-vapuri koperti mill-istandards tal-UE, prattikament ma hemm l-ebda bdil ta' bnadar bejn l-Istati Membri.

Il-firxa vasta ta' servizzi li dawn il-bastimenti huma mibnjin għalihom (eż. passaġġi ta' matul il-ġurnata jew ta' billejl, kruċieri turistiċi ta' matul il-ġurnata, żjarat f'portijiet b'restrizzjonijiet jew infrastrutturi speċifi) tipproduċi firxa wiesgħa ta' disinji u soluzzjonijiet tekniċi. Dan iwassal biex l-identifikazzjoni ta' sett komuni ta' regoli dettaljati xierqa għal tali varjetà ta' servizzi għal bastimenti iżgħar, tkun diffiċli ħafna. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw is-sensittività ta' dawn il-vapuri għall-kundizzjonijiet operattivi lokali li jvarjaw ħafna madwar l-UE. Mill-banda l-oħra, ċerti tarzni¹⁵ enfasizzaw li l-iżvilupp ta' standards tal-UE għall-vapuri żgħar kollha (jiġifieri irrispettivament mill-materjal li jinbnew bih) għandu jippermettilhom ibiegħu il-prodotti tagħhom mingħajr xkiel u malajr fl-Istati Membri kollha tal-UE.

2.5. L-istandards tas-sikurezza internazzjonali kienu jkunu aktar effettivi jew effiċjenti mill-istandards attwali tal-UE?

Fir-rigward ta' vjaġġi domestiċi, huwa improbabbli li l-istandards internazzjonali jkunu iżjed effettivi jew effiċjenti mill-istandards attwali tal-UE. L-istandards internazzjonali tal-OMI ma japplikawx. Fin-nuqqas ta' standards tal-UE, l-Istati Membri jkollhom jew jiżviluppaw il-leġislazzjoni tagħhom stess jew jadottaw regoli internazzjonali, li madankollu mhumix kompletament adegwati għall-vjaġġi domestiċi u jkunu jridu jiġu adattati kif xieraq. Dan ikun jeħtieġ ukoll aġġornamenti regolari sabiex jinżamm rendikont tal-iżviluppi l-ġodda fit-teknoloġija tal-bini tal-bastimenti¹⁶. Fi kwalunkwe każ, la jinkiseb livell ta' sikurezza komuni u lanqas ma jiġi ffaċilitat is-suq intern. Barra minn hekk, l-istandards tal-UE jipprevedu aċċess għall-persuni b'mobilità mnaqqsa, element li huwa rrakkomandat, iżda mhux obligatorju fl-istandards internazzjonali.

Is-sitwazzjoni għall-vjaġġi internazzjonali hija differenti. Dipendenza sħiħa fuq l-istandards internazzjonali rilevanti tkun aktar effettiva u effiċjenti, sakemm dawn ikunu jiggarrantixxu livell xieraq ta' sikurezza. Madankollu, dan mhux dejjem huwa l-każ. Għalhekk, li jkun hemm, pereżempju, rekwiżiti ta' stabbiltà aktar stretti f'każ ta' ħsara għal vapuri tal-passiġġieri ro-ro li jbaħħru lejn u minn portijiet tal-UE¹⁷ hija meqjusa bħala l-aħjar soluzzjoni. Dan fil-preżent qed jagħti l-livell ta' sikurezza xierqa għal dan it-tip ta' vapur, li huwa prevalenti fl-UE.

Fl-aħħar nett, fin-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' infurzar fil-livell internazzjonali, is-sistemi eżistenti ta' spezzjoni tal-UE applikabbli kemm għal vapuri tal-passiġġieri domestiċi kif ukoll internazzjonali jibqgħu prerekwiżit biex jinżamm standard għoli ta' salvagwardja tal-ħajja għall-vapuri tal-passiġġieri u biex jiġi eliminat it-trasport marittimu ta' livell inferjuri.

3. Ir-riżultati tal-verifika tal-idoneità

¹⁵ Jiġifieri fid-Danimarka u fil-Portugall. L-esperti nazzjonali mill-Kroazja u mill-Iżvezja esprimew opinjoni simili.

¹⁶ Ta' min jinnota li l-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti f'ċerti Stati Membri hija bbażata fuq standards internazzjonali li ma għadhomx fis-seħħ

¹⁷ Kif stipulat mid-Direttiva 2003/25/KE wara l-inċident tal-Estonja f'Settembru 1994

Din il-verifika tal-idoneità wriet li l-oġġettivi prinċipali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri relatati mas-sikurezza tal-passiġġieri u mas-suq intern jibqgħu rilevanti ħafna. Madankollu, din żvelat ukoll li dawn l-oġġettivi jistgħu, f'ċerti każijiet, jitwasslu b'mod aktar sempliċi u ċar.

Il-potenzjal għas-simplifikazzjoni, il-kjarifika u t-tħassir ta' numru ta' rekwiżiti ambigwi, skaduti jew ripetuti ġie identifikat f'ċerti oqsma:

- **Il-kumplessità u l-piż amministrattiv:** L-istħarriġ obbligatorju għall-operat sikur ta' bastimenti ro-ro regolari nstab li jikkoinċidi b'mod sinifikanti ma' tipi oħra ta' stħarriġ u spezzjonijiet (jiġifieri l-istħarriġ tal-Istat tal-bandiera u l-ispezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port). L-Istati Membri implimentaw dawn ir-rekwiżiti b'mod pragmatiku, li jfisser li l-qafas legali attwali ma għadux jirrifletti kif ikunu jinsabu l-affarijiet. Il-kumplessità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri hija aggravata mill-format skadut tal-istandards tas-sikurezza għal vapuri tal-passiġġieri domestiċi¹⁸ li maż-żmien saru estremament diffiċli biex jitqabblu mar-rekwiżiti internazzjonali eżistenti.
- **L-ambigwi u n-nuqqas ta' trasparenza:** Il-verifika tal-idoneità żvelat li numru ta' dispożizzjonijiet, definizzjonijiet u rekwiżiti huma ambigwi tant li f'ċerti każijiet dawn jistgħu jostakolaw l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni. Dawn huma relatati b'mod partikolari mal-kamp ta' applikazzjoni u mal-applikazzjoni tal-istandards armonizzati tal-UE, bħat-tip ta' vapuri koperti jew ir-regolarità tal-ispezzjonijiet.
- **Ir-rekwiżiti sproporzjonati:** Vapuri żgħar huma definiti bħala daww b'tul inqas minn 24 m. Din id-definizzjoni hija meqjusa bħala l-aktar xierqa fid-definizzjoni ta' standards tas-sikurezza tekniċi applikabbli b'mod komuni. Billi l-vapuri żgħar huma iżjed sensitivi għall-kundizzjonijiet operattivi lokali, l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw ir-riskji konkreti u jiddefinixxu l-istandards tas-sikurezza korrispondenti. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' vapuri akbar, il-vapuri żgħar għandhom it-tendenza li jitħaddmu fl-istess Stat Membru sat-tmien tal-ħajja operattiva tagħhom u t-trasferiment tagħhom bejn l-Istati Membri huwa limitat. L-istandards preskrittivi tal-UE applikabbli għal vapuri tal-azzar żgħar biss (jiġifieri li jkopru madwar 70 minn 1950 vapur żgħir) ġew meqjusa bħala sproporzjonati u l-valur miżjud tagħhom għall-UE mhuwiex biżżejjed biex jiġġustifika ż-żamma tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-manifatturi tal-UE għas-suq usa' tal-UE, xi partijiet ikkonċernati esprimew il-possibbiltà li jiġu żviluppati linji gwida jew kodiċi għall-bastimenti żgħar kollha.

Minbarra l-potenzjal ta' simplifikazzjoni identifikata, il-verifika tal-idoneità żvelat ukoll numru ta' kwistjonijiet li jnaqqsu bla bżonn l-effettività tal-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ:

- **L-appoġġ skadut għall-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ:** Filwaqt li l-esperjenza wriet li operazzjoni effettiva ta' tfittxija u salvataġġ teħtieġ aċċess

¹⁸ Jiġifieri l-Anness tad-Direttiva 2009/45/KE

immedjat għal dejta preċiża fir-rigward tal-persuni abbord, dan mhux dejjem huwa l-każ. Skont ir-rekwiżiti attwali, din l-informazzjoni trid tinħażen fis-sistema tal-kumpanija u tkun – f'kull waqt – disponibbli minnufih għat-trażmissjoni lill-awtorità kompetenti responsabbli għat-tfittxija u s-salvataġġ. Dan ir-rekwiżit, li jmur lura għall-1998, jinjora l-iżvilupp ta' sistemi bħal SafeSeaNet¹⁹ u n-National Single Window²⁰ u jeħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkuntattja lill-kumpanija tat-trasport marittimu f'każ ta' emerġenza. Barra minn hekk, id-dejta rreġistrata mhux dejjem tinkludi informazzjoni dwar in-nazzjonalità (jiġifieri minbarra l-isem, l-età u s-sess), li jagħmel l-għajnuna mogħtija lill-vittmi u l-qraba tagħhom aktar diffiċli milli meħtieġ. L-operaturi li diġà jittrażmettu dejta bħal din lil SafeSeaNet jew lin-National Single Window huma esposti għal sistema ta' rapportar doppju.

Fl-aħħar nett, il-verifika tal-idoneità identifikat numru ta' kwistjonijiet oħra sostanzjali relatati mal-adekwatezza u mal-proporzjonalità tal-istandards tas-sikurezza eżistenti:

- **Kwistjonijiet relatati mas-sikurezza li jirrikjedu valutazzjon ulterjuri:** Dawn il-kwistjonijiet se jeħtieġu valutazzjoni ulterjuri u konsultazzjonijiet mal-esperti. Dawn jinkludu d-differenzi fir-rekwiżiti tas-sikurezza bejn il-klassijiet differenti ta' vapuri u ż-żoni korrispondenti tal-baħar; l-applikazzjoni usa' tas-sistema ta' spezzjoni ro-pax u l-possibbiltà li jiġu żviluppati standards armonizzati għall-vapuri mibnija minn materjali mhux tal-azzar jew ekwivalenti, li bħalissa mhumieks koperti mill-qafas regolatorju tal-UE.

Ta' importanza huwa l-fatt li wħud minn dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu ttrattati aħjar l-ewwel fil-livell internazzjonali, qabel ma tkun prevista azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-rieżami tar-rekwiżiti applikabbli għall-istabbiltà f'każ ta' ħsara.

4. Azzjonijiet ta' Segwitu

4.1. L-ewwel pass

Il-Kummissjoni, appoġġjata mill-EMSA u b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, se tikkunsidra tippromwovi qafas regolatorju ssimplifikat għas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE u se tippromwovi t-titjib tal-istandards ta' stabbiltà f'każ ta' ħsara fil-livell internazzjonali.

Is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri: Mingħajr ma tbiddel l-oġġettivi ta' politika u l-mekkaniżmi ta' kunsinna prinċipali

¹⁹ Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10-27)

²⁰ Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitolqu minn portijiet tal-Istati Membri (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1-10)

tagħha, il-Kummissjoni tipprevedi li tikkunsidra proposti biex jitneħħew ir-rekwiżiti skaduti, ambigwi jew ripetuti identifikati f'din il-verifika tal-idoneità, b'mod partikolari billi:

- Tneħħi r-ripetizzjonijiet bejn l-istħarriġiet speċifiċi skont id-Direttiva 1999/35/KE, l-ispezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port li ġew estiżi u l-istħarriġ annwali tal-Istat tal-bandiera
- Tiċċara li għall-finijiet tad-Direttiva 2009/45/KE: (a) l-aluminju huwa materjal ekwivalenti għall-azzar (skont ir-rekwiżiti korrispondenti u ċċarati dwar l-iżolament kontra n-nar); u (b) il-bastimenti tas-servizz lil hinn mill-kosta u l-vapuri tradizzjonali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva
- Tiċċara d-definizzjonijiet tar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni tal-passiġġieri fid-Direttiva 98/41/KE, bħat-tul tal-vjaġġ
- Tissimplifika d-definizzjoni taż-żoni tal-baħar fid-Direttiva 2009/45/KE
- Tissimplifika l-Anness tad-Direttiva 2009/45/KE biex iżżid il-leġġibbiltà tiegħu

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll proposti għat-tneħħija ta' rekwiżiti sproporzjonati, b'mod partikolari billi:

- Teskludi l-vapuri tal-passiġġieri mibnija mill-azzar jew minn materjal ekwivalenti b'tul inqas min 24 m mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE
- Telimina r-rekwiżit għall-approvazzjoni formali tas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-passiġġieri li bħalissa hi stjuplata fid-Direttiva 98/41/KE, filwaqt li tiffoka fuq il-funzjonament tajjeb tagħha

Sabiex telimina r-rekwiżiti ta' rapportar doppju u ttejjeb l-effettività tal-operazzjonijiet ta' tfittxja u salvataġġ, il-Kummissjoni se tikkunsidra tipprevedi:

- Ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar il-persuni abbord f'sistema elettronika eżistenti li f'każ ta' emerġenza jew inċident tippermetti t-trażmissjoni immedjata tad-dejta lill-awtorità kompetenti
- In-nazzjonalità tal-passiġġieri trid tiġi rreġistrata u trażmessa lill-awtorità kompetenti, bl-użu tal-istess mezzi u kriterji bħal daww stabbiliti għar-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni tal-informazzjoni diġà meħtieġa dwar il-persuni abbord

Il-promozzjoni tat-titjib tal-istandards internazzjonali: Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni, appoġġjata mill-EMSA u b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, se tippromwovi l-aġġornament tal-istandards internazzjonali ta' stabbiltà f'każ ta' ħsara għall-vapuri tal-passiġġieri u se tikkunsidra tipproponi dan li ġej lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali:

- Sottomissjoni teknika lil-laqgħa tal-grupp ta' esperti dwar il-Valutazzjoni tas-Sikurezza Formali f'Novembru 2015

- Proposta tal-UE għal standard ġdid dwar l-istabbiltà f'każ ta' ħsara ('l hekk imsejjaħ "indiċi R") lil-laqgħa tas-Sottokumitat għad-Disinn u l-Kostruzzjoni tal-Bastimenti f'Jannar 2016, bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar standard ogħla mill-Kumitat għas-Sigurtà Marittima fl-2016

4.2. It-tieni pass

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta numru ta' kwistjonijiet oħra relatati mas-sikurezza u s-suq intern. B'mod partikolari, din tipprevedi li:

- Teżamina l-adegwatezza tad-differenzi fir-rekwiżiti tas-sikurezza bejn il-vapuri tal-Klassi C u D skont id-Direttiva 2009/45/KE u ż-żoni tal-baħar korrispondenti
- Tippromwovi l-applikazzjoni ta' s'tħarriġ speċifiku skont id-Direttiva 1999/35/KE għall-Klassijiet B, C u D tal-bastimenti ro-pax impenjati f'servizzi regolari
- Tivvaluta l-possibbiltà li tippromwovi li temenda jew li tħassar ir-rekwiżiti speċifiċi tal-UE ta' stabbiltà f'każ ta' ħsara għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro²¹, abbażi tal-istandards internazzjonali, jekk dawn ikunu ġew imtejba b'mod sodisfaċenti għall-UE
- Tikkunsidra li tiżviluppa linji gwida jew kodiċi għal bastimenti żgħar u bastimenti mibnija b'materjali mhux tal-azzar jew ekwivalenti, abbażi ta' rekwiżiti funzjonali

Dan se jirrikjedi għajjnuna, skambju tal-aħjar prattiki u monitoraġġ kontinwu tal-leġislazzjoni eżistenti. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-EMSA, għalhekk tipprevedi li:

- Tistabbilixxi qafas xieraq għall-iskambju ta' fehmiet ma' amministrazzjonijiet nazzjonali, partijiet ikkonċernati mill-industrija u assoċjazzjonijiet tal-passiġġieri fil-qasam tas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE

Fl-aħħar nett, u b'kunsiderazzjoni sew tal-potenzjal ta' simplifikazzjoni identifikat, il-Kummissjoni tipprevedi li żżid l-infurzar tar-rekwiżiti eżistenti bl-għajjnuna tal-EMSA u tistieden lill-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jieħdu sehem f'dawn l-isforzi.

²¹ Jiġifieri d-Direttiva 2003/25/KE